# Amministrazzjoni tajba fil-prattika: deċiżjonijiet tal-Ombudsman Ewropew fl-

# 2013

MT

# Werrej

**Daħla mill-Ombudsman** **2**

**Trasparenza – id-dritt li tkun taf u tifhem x'inhu għaddej** **5**

Għalfejn it-trasparenza hija daqshekk importanti 5

Id-dritt tal-aċċess għad-dokumenti 7

Il-Privatezza u d-dejta personali – l-interazzjoni bejn ir-Regolament 1049/2001 u r-Regolament 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali 12

Id-dritt tal-aċċess għall-fajl li jikkonċernak 14

**Kwistjonijiet istituzzjonali u ta' politika** **15**

Il-Kummissjoni u l-proposti leġiżlattivi 15

Proċeduri amministrattivi tajbin – mod kif tiżgura li ċ-ċittadini jifhmu x'inhu għaddej u għalfejn 18

Attitudni ta' servizz u korteżija – id-dritt li tittieħed b'serjetà 20

Dewmien fl-amministrazzjoni 21

Kunflitti ta' interess – Nista' nafda li l-amministrazzjoni tal-UE taġixxi għat-tajjeb tal-UE u għat-tajjeb tiegħi bħala ċittadin? 22

L-iżvelar ta' informazzjoni protetta 24

**Il-Kummissjoni bħala Gwardjan tat-Trattati – l-iżgurar li r-regoli tal-UE jiġu rispettati mill-Istati Membri** **25**

**L-eżekuzzjoni ta' kuntratti u għotjiet** **27**

**L-għoti ta' offerti u għotjiet** **28**

**Kwistjonijiet tal-persunal – fis-sens doppju** **29**

**Kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla** **30**

# Daħla mill-Ombudsman

Bħall-Uffiċċji tal-Ombudsman tas-settur pubbliku b'mod ġenerali, l-Ombudsman Ewropew jikkunsidra sett ta' valuri u prinċipji partikolari fit-trattament tal-ilmenti. L-Ombudsman tas-settur pubbliku għandu l-għan li jirrappreżenta liċ-ċittadin quddiem l-amministrazzjoni u jsib rimedju għall-iżbilanċ tal-poter bejn iż-żewġ partijiet. L-Ombudsman iħeġġeġ lill-amministrazzjoni tittratta liċ-ċittadin bħala individwu u li jkollha rigward għaċ-ċirkustanzi partikolari tiegħu. L-Ombudsman iħeġġeġ lill-amministrazzjoni tkun flessibbli u tuża d-diskrezzjoni tagħha, fejn possibbli, favur iċ-ċittadin. Fuq kollox, l-Ombudsman jaħdem sabiex jiżgura li l-inkontri taċ-ċittadini mal-amministrazzjoni jkunu karatterizzati miċ-ċivilità u l-korteżija.

Fil-każ tal-UE, il-valuri u l-prinċipji tal-OmbudsmanEwropew jirriflettu l-ħsieb li tiġi promossa l-amministrazzjoni pubblika tajba u, b'mod partikolari, il-ħsieb li ċ-ċittadini u n-negozji tal-UE jiġu ttrattati b'mod ġust, raġonevoli u b'sensittività mill-amministrazzjoni tal-UE.

Prinċipju fundamentali fil-ħsieb tal-Ombudsman huwa li l-amministrazzjoni pubblika tajba tinvolvi iktar mis-sempliċi aġir f'mod li huwa legali. L-approċċ tal-Ombudsman imur lil hinn minn dak tal-qrati li, b'mod ġenerali, jiffukaw biss fuq il-legalità tal-azzjonijiet. Ombudsman qatt m'għandu jitlob lil istituzzjoni pubblika sabiex taġixxi kontra l-liġi; iżda Ombudsman ser jistenna li istituzzjoni tagħmel dak kollu li huwa possibbli fi ħdan il-liġi sabiex jinkisbu riżultati li huma ġusti u raġonevoli fiċ-ċirkustanzi kollha.

Minn meta sirt Ombudsman Ewropew f'Ottubru 2013, laqtitni l-firxa sa fejn l-istituzzjonijiet tal-UE jwieġbu għall-ilmenti primarjament fit-termini tal-legalità tal-azzjonijiet tagħhom. F'ħafna każijiet, kif muri mir-riżultati tal-ilmenti ttrattati mill-Uffiċċju tiegħi, l-istituzzjoni tkun ħadet approċċ kompletament aċċettabbli u raġonevoli abbażi tal-liġi. Iżda f'xi każijiet oħrajn, jidher li l-liġi qisha qed tintuża biex tillimita l-opzjonijiet ta' dak li jista' jsir sabiex jiġi megħjun l-ilmentatur. Ikolli ngħid, nippreferi nara risposti li jieħdu approċċ iktar olistiku jew tas-soluzzjoni tal-problema. Huwa assolutament xieraq li dawn ir-risposti jinkludu analiżi legali iżda l-analiżi għandha teżamina x'jista' jsir aktar, fi ħdan il-liġi, fil-każ partikolari, minflok tintuża biex tiġi difiża b'mod riġidu l-pożizzjoni oriġinali tal-istituzzjoni.

Kważi l-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha, bejn wieħed u ieħor, ibatu biex jiksbu l-fiduċja taċ-ċittadini li jservu. Xi drabi, in-nuqqas ta' fiduċja tal-pubbliku fl-amministrazzjoni pubblika mhuwiex ġustifikat u jista' sempliċiment jirrifletti assunzjoni komuni li l-burokrazija, minħabba n-natura tagħha, isservi biss l-interessi tagħha qabel dawk tal-pubbliku ġenerali. Iżda xi drabi n-nuqqas ta' fiduċja tal-pubbliku huwa ġustifikat mill-prattiki reali tal-amministrazzjoni pubblika, jew, forsi importanti bl-istess mod, mill-perċezzjoni pubblika ta' dawk il-prattiki.

L-amministrazzjoni pubblika tal-UE tinsab f'pożizzjoni partikolarment diffiċli fir-rigward tal-kisba u ż-żamma tal-fiduċja taċ-ċittadini li sservi. Ftit minn dawn id-diffikultajiet mhumiex ikkawżati mill-amministrazzjoni stess; jitqajmu mill-fatt li hemm distanza konsiderevoli, kemm ġeografika kif ukoll kulturali, minn ħafna ċittadini. Barra minn hekk, ħafna minn dak li jseħħ fil-livell tal-amministrazzjoni tal-UE huwa intrinsikament kumpless u diffiċli biex jinftiehem. L-amministrazzjoni tal-UE għandha taħdem sod iktar minn ħafna mill-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali jew reġjonali biex tibni l-fiduċja. Il-ħidma tiegħi bħala Ombudsman Ewropew tinkludi l-inkoraġġiment u l-appoġġ tal-amministrazzjoni tal-UE f'dan ir-rigward.

Naħseb li huwa raġonevoli li l-amministrazzjoni tal-UE għandha tirrikonoxxi li l-konklużjonijiet li waslet għalihom l-Ombudsman Ewropew, li jirriflettu l-valuri u l-prinċipji tal-Ombudsman, għandhom jittieħdu b'mod serju ħafna. Ir-rifjut ta' soluzzjoni proposta jew abbozz ta' rakkomandazzjoni mill-Ombudsman Ewropew għandu jkun avveniment rari. Huwa xogħol l-Ombudsman, li taġixxi f'isem iċ-ċittadini ordinarji, li tagħti parir lill-istituzzjonijiet tal-UE dwar kif għandhom iwieġbu għall-ilmenti taċ-ċittadini. U huwa xogħol l-istituzzjonijiet, li wkoll jaġixxu f'isem l-istess ċittadini, li jaċċettaw il-parir tal-Ombudsman. Il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman għandhom jiġu rifjutati mill-amministrazzjoni meta jkun ċar li huma ħżiena biss[1].

Ix-xogħol fuq il-każijiet tal-Uffiċċju tiegħi jipprovdi dak li nemmen li għandu jkun intuwitu ta' valur dwar kif għandom japplikaw il-valuri u l-prinċipji tal-Ombudsman fis-sitwazzjonijiet ta' ħajja reali. Għalhekk, flimkien mar-Rapport Annwali 2013 tagħna, qed nippubblikaw *Amministrazzjoni tajba fil-prattika: deċiżjonijiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2013*. Din il-pubblikazzjoni ssegwi l-kategoriji tal-investigazzjoni użati mill-Ombudsman Ewropew fis-snin riċenti:

- Trasparenza
- Kwistjonijiet istituzzjonali u ta' politika
- Il-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati
- L-eżekuzzjoni ta' kuntratti u għotjiet
- L-għoti ta' offerti u għotjiet
- Kwistjonijiet ta' persunal
- Kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla

Il-pubblikazzjoni turi kif il-valuri u l-prinċipji tal-Ombudsman ġew applikati fl-azzjoni fil-każ ta' investigazzjonijiet magħluqa matul l-2013[2]. Nittama li tkun ta'

[1] Kif darba kienet qalet Ombudsman preċedenti mir-Renju Unit, is-sejbiet tal-Ombudsman għandhom jingħataw segwitu fil-każijiet kollha ħlief meta *"l-Ombudsman tkun tilfet il-boxxla"*.
[2] Id-deċiżjonijiet li jagħlqu l-investigazzjonijiet imsemmija huma normalment ippubblikati fuq il-websajt tal-Ombudsman (www.ombudsman.europa.eu) bl-Ingliż u, jekk tkun differenti, fil-lingwa li bih ikun sar l-ilment.

valur għall-amministrazzjoni tal-UE u ta' dawk kollha li jieħdu interess fil-promozzjoni tal-amministrazzjoni pubblika tajba fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Emily O'Reilly
Ombudsman Ewropew
15 ta' Settembru 2014

# Trasparenza – id-dritt li tkun taf u tifhem x'inhu għaddej

*Sabiex tiġi promossa t-tmexxija tajba u sabiex tiġi assigurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ. (Artikolu 15(1) tat-TFUE)*

## Għalfejn it-trasparenza hija daqshekk importanti

It-trasparenza tagħmilha possibbli li ċ-ċittadini jagħmlu skrutinju tal-attivitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi, jivvalutaw il-prestazzjoni tagħhom, u jżommuhom responsabbli. L-aċċess miftuħ u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti jiffurmaw parti essenzjali mis-sistema ta' kontrokontrolli pubbliċi li timmedja l-eżerċizzju tal-poter pubbliku u tippromwovi r-responsabbiltà[3]. Mhuwiex biżżejjed għall-amministrazzjoni tal-UE li sempliċiment tgħid li qed tagħmel mill-aħjar tagħha biex tiġi fdata miċ-ċittadini. Iċ-ċittadini huma intitolati li jaraw u jiddeċiedu għalihom infushom jekk dak huwiex il-każ. Għalhekk, l-aċċess miftuħ u t-trasparenza huma elementi ewlenin li jistgħu jgħinu sabiex tinbena l-fiduċja bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u ċ-ċittadini.

F'ambjent multilingwi bħall-UE, id-dritt li tkun taf u li tifhem għandu wkoll aspett lingwistiku. Sa fejn huma kkonċernati l-komunikazzjonijiet tal-amministrazzjoni tal-UE li huma indirizzati għaċ-ċittadini b'mod ġenerali, ikun ideali li l-materjal maħsub għal dawn l-iskopijiet jiġi ppubblikat fil-lingwi uffiċjali kollha. Din il-pożizzjoni hija bbażata fuq il-kunċett li, sabiex il-komunikazzjoni tkun effettiva, huwa neċessarju li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmu l-informazzjoni pprovduta lilhom. Madankollu, peress li ma hemm ebda prinċipju ġenerali tal-liġi tal-UE li jagħti lil kull ċittadin id-dritt li jkollu, fiċ-ċirkustanzi kollha, verżjoni ta' kull ħaġa li tista' taffettwa l-interessi tiegħu fil-lingwa tiegħu, l-amministrazzjoni tajba tirrikjedi li, sa fejn ikun possibbli, l-amministrazzjoni tal-UE tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini fil-lingwi tagħhom stess. L-amministrazzjoni tal-UE għandu jkollha l-għan li l-paġna ewlenija tal-websajts tagħha, kif ukoll l-informazzjoni dwar il-funzjonijiet u l-politika dwar il-lingwa, tkun disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali[4].

Huwa iktar faċli li taċċetta li l-affarijiet mhux dejjem imorru kif tixtieqhom, jew mingħajr xkiel kif mistenni, jekk tifhem għalfejn. Huwa t-twemmin tal-Ombudsman li spjegazzjoni xierqa, sa mill-bidu nett, ta' għalfejn tkun ittieħdet deċiżjoni partikolari jew, pereżempju, għalfejn kien hemm dewmien, tirriżulta f'inqas rikjesti ulterjuri u approċċi lill-amministrazzjoni tal-UE u b'hekk tagħti aktar ħin lill-amministrazzjoni biex isservi u ttejjeb l-UE. Jekk l-amministrazzjoni tal-UE qed tittratta lment minn ċittadin u qed iddum iktar milli mistenni, ikun ta' għajnuna għaċ-ċittadin li jkun informat dwar ir-raġuni għal dan id-dewmien[5]. Fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni, ċittadin jista', pereżempju, iħossu mġiegħel jagħmel rikjesta għall-aċċess pubbliku għad-

[3] Każ 1649/2012/RA
[4] Każ 1363/2012/BEH
[5] Każijiet 48/2012/MHZ u 412/2012/MHZ

dokumenti, bl-implikazzjonijiet li tinvolvi tali rikjesta fuq ir-riżorsi[6]. Biex nagħti eżempju, id-DĠ Ambjent tal-Kummissjoni adotta għal perjodu qasir approċċ iktar liberali minn qabel fl-għoti tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti. Meta ġie abbandunat dan l-approċċ iktar liberali, dan wassal għal ilmenti mal-Ombudsman. Madankollu, il-Kummissjoni damet biex irrikonoxxiet fil-miftuħ li d-DĠ Ambjent kien ipprova approċċ ġdid. Il-Kummissjoni setgħet kienet iktar onesta mal-ilmentatur f'dan ir-rigward, minflok ma ssuġġerixxiet li l-ilmentatur ma fehemx dak li kien ġara. Huwa potenzjalment imbarazzanti għal kwalunkwe organizzazzjoni li tidher li jkollha diverġenzi kbar fl-opinjonijiet. Madankollu l-komprensjoni komuni tal-aċċess miftuħ fl-amministrazzjoni pubblika tal-UE tirrikjedi li tingħad il-verità liċ-ċittadin mill-bidu nett[7].

Meta l-azzjonijiet tal-amministrazzjoni tal-UE jaffettwaw direttament l-interessi taċ-ċittadini, huwa partikolarment importanti li tittejjeb il-leġittimità permezz tal-promozzjoni ta' kultura ta' aċċess miftuħ u trasparenza. Hemm ċertu oqsma tal-amministrazzjoni tal-UE fejn il-verità u t-trasparenza jistgħu saħansitra jkunu kwistjoni ta' ħajja jew mewt. L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) hija responsabbli għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika permezz tal-valutazzjoni u s-superviżjoni xjentifika tal-mediċini, inklużi deċiżjonijiet relatati mas-sikurezza u l-effikaċja ta' dawn il-mediċini. Il-potenzjal li jseħħu żbalji serji jekk ma jiġux segwiti l-proċeduri xierqa mill-EMA huwa ovvju. It-trasparenza hija mezz vitali li permezz tagħha l-EMA tista' tiżgura l-preċiżjoni tad-deċiżjonijiet tagħha. L-aċċess miftuħ u t-trasparenza tal-EMA jservu biex titrawwem id-diskussjoni xjentifika u l-progress, billi jippermettu lix-xjenzjati indipendenti jiskrutinizzaw il-konklużjonijiet tal-EMA, kif ukoll id-dejta u l-argumenti li jkunu ġew ikkunsidrati mill-EMA fl-ilħuq ta' dawk il-konklużjonijiet. Billi tagħmel disponibbli l-opinjonijiet dokumentati bis-sħiħ tagħha, l-EMA tista' tiżgura li l-ħidma kollha tagħha titressaq għall-iskrutinju u tkun, finalment, korretta. Huwa vitali, għall-pubbliku, li l-EMA tieħu deċiżjonijiet korretti[8].

Xi drabi, xorta jinħtieġ ilment mal-Ombudsman biex iċ-ċittadini jiksbu spjegazzjonijiet xierqa. L-Ombudsman hija lesta tassisti f'dak ir-rigward, u l-Ombudsman għamlet hekk matul l-2013, pereżempju fir-rigward tat-trattament mill-Kummissjoni tal-ilmenti dwar nuqqasijiet[9] u fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg għall-persunal fil-Delegazzjonijiet tal-UE[10]. Fejn in-nuqqas ta' raġunament ikun ġie rimedjat fil-kors ta' investigazzjoni, l-Ombudsman normalment tagħlaq l-investigazzjoni tagħha mingħajr ma ssib amministrazzjoni ħażina[11]. In-nuqqas li jingħataw raġunijiet, għalkemm huwa problema serja fih innifsu, mhux neċessarjament ifisser li kien hemm nuqqas mill-amministrazzjoni tal-UE li tivvaluta b'mod xieraq ilment li jkun sarilha[12].

Hija x-xewqa tal-Ombudsman madankollu, li l-kummenti ulterjuri li jsiru biex iħeġġu lill-amministrazzjoni tal-UE tispjega aħjar il-pożizzjoni tagħha, iwasslu tassew għal titjib fil-ġejjieni qrib.

[6] Każ 277/2012/RA
[7] Każijiet 1947/2010/PB u 2207/2010/PB
[8] Każijiet 2575/2009/RA u 1877/2010/FOR
[9] Każijiet 846/2010/PB u 1786/2011/MHZ
[10] Każ 706/2010/RT
[11] Każijiet 846/2010/PB u 48/2012/MHZ
[12] Każ 48/2012/MHZ

# Id-dritt tal-aċċess għad-dokumenti

Aspett importanti tat-trasparenza huwa d-dritt tal-aċċess għad-dokumenti.

*Kull ċittadin tal-Unjoni ... għandu jkollu d-dritt għall-aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni. (Artikolu 15(3) tat-TFUE)*

Ċittadin li jitlob aċċess għad-dokumenti m'għandux jagħti raġunijiet għar-rikjesta[13].

F'konformità mal-preżunzjoni ta' legalità marbuta mal-atti tal-istituzzjonijiet tal-UE, meta l-istituzzjoni inkwistjoni tgħid li dokument partikolari li għalih jintalab aċċess ma jeżistix, hemm il-preżunzjoni li din l-istqarrija mhijiex korretta. L-applikant jista' jirrifjuta dik il-preżunzjoni bi provi rilevanti u konsistenti. Investigazzjoni mill-Ombudsman tista', pereżempju, tkun meħtieġa jekk applikant isostni li lakuni temporali jew lakuni marbuta mal-involviment ta' individwi partikolari huma evidenti mill-korrispondenza li diġà nkisbet minn istituzzjoni u li dawn il-lakuni jissuġġerixxu li ċertu korrispondenza setgħet tħalliet barra mill-analiżi tal-istituzzjoni tar-rikjesta għall-aċċess[14].

Id-dritt tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti mhuwiex assolut. Madankollu, huwa importanti li jiġi żgurat li l-eċċezzjonijiet għall-aċċess jiġu applikati korrettament u b'mod dejjaq sabiex id-dritt tal-aċċess ma jkunx limitat mingħajr ħtieġa.

Pereżempju, l-Artikolu 6 tal-Anness III għar-Regolamenti tal-Persunal tal-ħaddiema tas-servizz pubbliku jipprevedi li l-proċeduri tal-bord tal-għażla li jaġixxi fil-proċeduri tar-reklutaġġ tal-persunal tal-UE għandhom ikunu sigrieti. Dan ma jfissirx li ma jistax jingħata l-aċċess pubbliku għal dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess minn membri ta' dawn il-bordijiet tal-għażla. Għandha ssir distinzjoni bejn id-divulgazzjoni *tal-opinjonijiet* mogħtija mill-membri tal-Bord tal-Għażla u d-divulgazzjoni ta' *kwalunkwe informazzjoni oħra* marbuta ma' proċedura tal-għażla. Id-dikjarazzjoni tal-kunflitt ta' interess ma tinkludix fiha, u d-divulgazzjoni tagħha ma tistax tiżvela, l-attitudnijiet li adottaw il-membri individwali tal-Bord tal-Għażla f'relazzjoni mal-individwu jew il-valutazzjoni komparattiva tal-kandidati f'proċedura ta' reklutaġġ. Għalhekk huwa diffiċli li wieħed jifhem kif id-divulgazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tista' tippreġudika l-indipendenza tal-Bordijiet tal-Għażla, peress li l-uniku skop ta' dawn id-dikjarazzjonijiet huwa preċiżament li tiġi ggarantita l-oġġettività u l-imparzjalità tal-membri tal-Bordijiet tal-Għażla[15].

Waħda mill-għodod ewlenin għaċ-ċittadini fl-eżerċizzju tad-dritt tal-aċċess għad-dokumenti huwa r-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, kif ukoll regoli simili applikabbli għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE.

[13] Każ 524/2012/MMN
[14] Każijiet 531/2012/MMN u 375/2013/ANA
[15] Każ 1403/2012/CK

Bħala regola ġenerali, għandha ssir eżaminazzjoni fi tliet stadji biex jiġi determinat jekk tapplikax waħda mill-eċċezzjonijiet għall-aċċess stipulata fl-Artikolu 4 tar-Regolament 1049/2001. L-ewwel nett, għandu jiġi determinat jekk id-dokumenti jaqgħux fil-kategorija koperta mill-eċċezzjoni li ġiet invokata. It-tieni, għandu jiġi determinat jekk id-divulgazzjoni tad-dokument tfixkilx (b'mod serju) lill-interess protett. Dan ifisser li għandu jitwettaq "test tal-ħsara". It-tielet, jekk huwa stabbilit li d-divulgazzjoni pubblika ta' dokument tkun ta' ħsara għall-interessi kkonċernati, l-istituzzjoni għandha tivverifika (fejn dan ikun applikabbli għall-eċċezzjoni inkwistjoni), billi twettaq eżerċizzju ta' bilanċjament, jekk jeżistix xi interess pubbliku akbar fid-divulgazzjoni[16].

L-istituzzjoni normalment għandha twettaq l-analiżi rilevanti dwar jekk waħda mill-eċċezzjonijiet għall-aċċess tapplikax (i) "fuq bażi ta' dokument b'dokument" u (ii) "b'mod individwali u speċifiku". Eżaminazzjoni individwali u speċifika ta' kull dokument tista' ma tkunx meħtieġa fejn, minħabba ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ individwali, huwa ovvju li l-aċċess għandu jiġi rifjutat, jew, bil-kontra ta' dan, mogħti[17].

L-amministrazzjoni tal-UE xi drabi tirrifjuta li tagħti l-aċċess pubbliku għal partijiet mid-dokumenti peress li ma tqisx li l-partijiet inkwistjoni huma rilevanti għar-rikjesta. Għandu jiġi enfasizzat li l-kunċett ta' "partijiet rilevanti ta' dokument" ma jeżistix fir-Regolament 1049/2001, li jipprevedi li l-aċċess għal partijiet minn dokument jista' jiġi rifjutat biss jekk eċċezzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 4, hija applikabbli[18].

Madankollu, l-Artikolu 6(3) tar-Regolament 1049/2001, li għandu l-għan li jsib soluzzjoni ġusta fil-każ ta' dokument twil jew numru kbir ta' dokumenti, jista' jiġi applikat biex issir redazzjoni ta' partijiet minn dokument li l-istituzzjoni ma tqisx li huma rilevanti għar-rikjesta. Dan jista' jsir sabiex jiġi evitat li ssir analiżi fid-dettall u li tieħu ħafna żmien ta' jekk tapplikax eċċezzjoni għall-aċċess. Madankollu, l-istituzzjoni għandha tispjega b'mod ċar lill-applikant li, fl-opinjoni tagħha, il-partijiet inkwistjoni mhumiex rilevanti għall-applikant u għalfejn[19]. Huwa importanti wkoll li dan l-approċċ ma jwassalx għall-abbuż tar-Regolament 1049/2001. B'mod partikolari, m'għandux iwassal għall-evażjoni mir-rekwiżit li jiġġustifika bis-sħiħ kwalunkwe nuqqas ta' divulgazzjoni tad-dokument rikjest. Jekk l-applikant, wara li jkun irċieva aċċess parzjali, jinsisti li jikseb dokument komplut, id-dokument għandu jingħata lill-applikant, sakemm l-istituzzjoni ma turix li l-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 4 tapplika għad-dokument kollu. Għalhekk, jekk l-istituzzjoni għamlet redazzjoni ta' dokument kbir ħafna sabiex tagħti tweġiba lil ilmentatur li kellu rikjesta wiesgħa u mhux ċara, u biex tagħti s-setgħa lill-ilmentatur li jagħmel rikjesta aktar preċiża, l-istituzzjoni għandha tiddikjara li l-applikant għandu dritt li jitlob aċċess għal dokument sħiħ[20].

L-għan tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament 1049/2001 huwa li tiġi ċċarata r-rikjesta għall-aċċess, jiġifieri, li l-applikant jiġi permess jidentifika b'mod ċar id-

[16] Każ 1817/2010/RA
[17] Każ 2048/2011/OV
[18] Każ 277/2012/RA
[19] Każ 693/2011/RA
[20] Każ 1877/2010/FOR

dokumenti li għalihom qed jintalab l-aċċess u li l-istituzzjoni tkun permessa tidentifika b'mod preċiż liem huma d-dokument/i li qed jiġi/u rikjest/i. Minflok isiru assunzjonijiet dwar liem dokumenti qed jitlob l-applikant, l-istituzzjoni għandha titlob għal kjarifiki. Jekk applikant jiddikjara li huwa diffiċli tkun taf eżattament x'għandu jiġi mitlub minħabba li hu/hi ma jafx/tafx x'jeżisti, l-istituzzjoni għandha tispjega liem dokumenti jeżistu[21].

Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet:

*L-Artikolu 4(1)(a), it-tielet inċiż, tar-Regolament 1049/2001 – protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali*

Fir-rigward tal-Kunsill, id-dmir li jkun trasparenti sa fejn huwa possibbli japplika b'forza partikolari fir-rigward tar-rwol leġiżlattiv tiegħu. Madankollu, hemm distinzjoni f'termini ta' rekwiżiti ta' trasparenza meta istituzzjoni tkun qed taġixxi f'kapaċità leġiżlattiva jew bħala parti f'negozjati intergovernattivi. Filwaqt li t-trasparenza hija importanti wkoll fil-qasam tan-negozjati intergovernattivi, li jikkonċernaw l-impenji meħuda mill-UE f'isem iċ-ċittadini tagħha u li jistgħu jaffettwaw id-drittijiet fundamentali tagħhom, huwa importanti li jkun hemm kuxjenza dwar il-kuntest li fih ġie prodott id-dokument inkwistjoni[22].

Il-Kunsill għandu jkun proattiv fin-negozjati intergovernattivi, u jinforma lis-sħab tiegħu fin-negozjati dwar l-obbligu tiegħu li jaħdem b'mod kemm jista' jkun miftuħ. Il-Kunsill b'hekk għandu jkun jaf mill-bidu nett jekk is-sieħeb fin-negozjati hux qed ifittex is-segretezza, u jkun jista' jinforma lill-applikanti kollha dwar l-oriġini tal-oppożizzjoni għad-divulgazzjoni[23].

*Artikolu 4(1)(a), ir-raba' inċiż, tar-Regolament 1049/2001 – il-protezzjoni tal-politika finanzjarja, monetarja u ekonomika*

Kif stabbilit fil-ġurisprudenza, l-istituzzjoni għandha marġni wiesa' ta' diskrezzjoni għall-iskop li tiddetermina jekk id-divulgazzjoni tad-dokumenti relatati mal-oqsma koperti minn din l-eċċezzjoni tistax tfixkel l-interess pubbliku, peress li tali deċiżjoni ta' rifjut hija ta' natura komplessa u delikata u titlob l-eżerċizzju ta' attenzjoni partikolari u li l-kriterji tal-Artikolu (4)(1)(a) huma ġeneriċi ħafna[24].

*L-Artikolu 4(2), it-tielet inċiż, tar-Regolament 1049/2001 – protezzjoni tal-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki*

Teżisti preżunzjoni ġenerali li l-aċċess pubbliku għad-dokumenti relatati ma' investigazzjoni tal-OLAF li tkun għadha għaddejja jista', fil-prinċipju, ifixkel l-iskop ta' dik l-investigazzjoni. Barra minn hekk, fejn rapport ta' investgazzjoni tal-OLAF jikkostitwixxi prova fi proċedimenti nazzjonali li jkunu għadhom għaddejjin, l-aċċess pubbliku għal dan ir-rapport jista' jfixkel l-iskop tal-proċedimenti nazzjonali li jkunu għadhom għaddejjin. Ir-raġuni ewlenija għal

[21] Każ 693/2011/RA
[22] Każ 1649/2012/RA
[23] Każ 1649/2012/RA
[24] Każ 531/2012/MMN

dan hu li d-divulgazzjoni pubblika tal-provi minn investigazzjoni li tkun għadha għaddejja tista' tippreġudika l-użu ta' dawk il-provi fi proċess fil-futur, speċjalment jekk l-investigazzjoni tista' twassal għal proċess kriminali. Madankollu, ma jistax jiġi preżunt, ħlief fil-każijiet ovvji, li s-sempliċi fatt li l-OLAF bagħat rapport ta' investigazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali, li dawk l-awtoritajiet ser jaġixxu fuq dak ir-rapport. Huwa dejjem possibbli, pereżempju, li awtorità nazzjonali ssib li ma hemm ebda raġuni biex tagħti segwitu għal rapport jew li sempliċiment tinjora r-rapport. Għalhekk hija r-responsabbiltà tal-OLAF li jikkuntattja lill-awtoritajiet nazzjonali biex jivverifika jekk hemmx investigazzjoni għaddejja (jew għallinqas il-prospett immedjat li sseħħ tali inkjesta) u biex jivverifika x'impatt ser ikollha d-divulgazzjoni tar-rapport fuq dik l-investigazzjoni[25].

*L-Artikolu 4(3), l-ewwel paragrafu, tar-Regolament 1049/2001 – il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet meta d-deċiżjoni tkun għadha ma ttieħditx*

It-terminu "proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet" jkopri l-proċessi kollha tal-konsultazzjonijiet u d-deliberazzjonijiet interni f'istituzzjoni u t-terminu "deċiżjonijiet" huwa relatat mal-pożizzjonijiet adottati b'riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet u deliberazzjonijiet interni, anke jekk dawn il-pożizzjonijiet ma jikkostitwixxux "deċiżjonijiet" legalment vinkolanti. Fi kliem ieħor, it-terminu "deċiżjoni" għandu sinifikat wiesa', li jirrifletti l-iskop tal-Artikolu 4(3). Dokument jista' jkun relatat mal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jkun ġie kompletat, u *wkoll* ma' proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ieħor li jkun għaddej. Madankollu, l-istituzzjoni għandha tispjega kif id-divulgazzjoni tad-dokument iddgħajjef serjament il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jkun għaddej. Meta l-istituzzjoni tirreferi għar-riskju ta' "interferenza esterna" u "pressjonijiet", għandha turi mhux biss il-possibilità tal-eżistenza ta' din il-pressjoni fuq min jieħu d-deċiżjonijiet, iżda wkoll li hija raġonevolment prevedibbli, u mhux purament ipotetika, li din il-pressjoni mhux mixtieqa fuq min jieħu d-deċiżjoni tkun ta' natura u intensità li ddgħajjef serjament il-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni[26].

*L-Artikolu 4(3), it-tieni paragrafu, tar-Regolament 1049/2001 – il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet wara li d-deċiżjoni tkun ittieħdet*

Id-dispożizzjoni tippermetti r-rifjut tal-aċċess *għall-opinjonijiet*, jiġifieri, l-opinjonijiet jew ġudizzji espressi mill-awtur bid-diskrezzjoni tiegħu, anke *wara* li tkun ittieħdet id-deċiżjoni. Ma tistax issir pressjoni mhux mixtieqa fuq min jieħu d-deċiżjoni bl-iskop li tiġi alterata d-deċiżjoni ladarba din tkun ittieħdet. Madankollu, l-awtur ta' *opinjoni* jagħti l-opinjoni tiegħu u hemm tal-inqas il-possibilità li dawn l-opinjonijiet ma jiġux espressi b'mod liberu u onest jekk dawn jistgħu jsiru pubbliċi. Ir-riskju ta' awtoċensura, għad-detriment tal-kapaċità tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' istituzzjoni, huwa kbir biss jekk l-opinjonijiet espressi huma *partikolarment sensittivi*, pereżempju jekk huma (awto)kritiċi, spekulattivi jew kontroversjali[27]. L-istituzzjoni għandha tindika

[25] Każ 598/2013/OV
[26] Każijiet 1817/2010/RA u 1877/2010/FOR
[27] Każ 1817/2010/RA

karatteristika speċifika ta' opinjoni li tagħmilha partikolarment sensittiva u li tista' twassal għall-awtoċensura jekk tiġi ddivulgata[28].

In-natura kollettiva ta' deċiżjoni ma tfissirx, fil-verità, li d-divulgazzjoni tal-opinjonijiet inidividwali ser iddgħajjef serjament il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Dan ikun kontra l-ittra stess tal-Artikolu 4(3), it-tieni paragrafu. Fil-fatt jista' jiġi argumentat li l-għarfien li ser ikun hemm aċċess pubbliku fil-futur jista' jwassal għal raġunament aħjar min-naħa, pereżempju, ta' evalwatur li qed jipprovdi opinjonijiet ibbażati fuq il-kompetenza xjentifika u mhux opinjonijiet ta' natura personali[29].

*L-Artikolu 4(5) tar-Regolament 1049/2001 – Stat Membru li jirrikjedi li d-dokument ma jiġix żvelat*

It-Trattat Euratom jiġbor l-għarfien, l-infrastruttura u l-finanzjament tal-enerġija nukleari fi ħdan l-UE. L-Artikolu 44 tiegħu jipprevedi li l-Kummissjoni tista', bil-kunsens tal-Istati Membri, persuni u intrapriżi kkonċernati, tippubblika kwalunkwe proġett ta' investiment ikkomunikat lilha. Fir-rigward tar-rikjesti għall-aċċess għad-dokumenti relatati mal-proġetti tal-enerġija nukleari, huwa importanti li jittieħed kont tan-natura tad-dritt għall-aċċess pubbliku, peress li dan żviluppa fi ħdan l-Unjoni Ewropea biex sar prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Unjoni u dritt fundamentali, u li l-Artikolu 44 tat-Trattat Euratom jinqara f'rabta mar-Regolament 1049/2001. Is-soluzzjoni mfassla mill-Qorti fil-kuntest tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament 1049/2001 għandu japplika wkoll għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 44 tat-Trattat Euratom: L-Istat Membru, impriża jew persuna kkonċernata li toġġezzjona għall-għoti tal-aċċess, għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni tagħha abbażi tal-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament 1049/2001. Madankollu, id-deċiżjoni finali fuq ir-rikjesta għall-aċċess tibqa' għand il-Kummissjoni, li għandha tivvaluta jekk l-Istat Membru, impriża jew persuna kkonċernata tatx raġunijiet validi biex tirtira l-kunsens. Il-Kummissjoni hija impenjata li tipprova tikseb il-kunsens meħtieġ skont l-Artikolu 44 tat-Trattat dwar il-Euratom anke qabel ma tkun saret ir-rikjesta għall-aċċess[30].

## Kategoriji ta' dokumenti tal-istess natura

Bħala regola ġenerali, l-istituzzjoni għandha tagħmel eżaminazzjoni individwali u speċifika ta' kull dokument li għalih ġie mitlub l-aċċess. Madankollu, fil-valutazzjoni dwar jekk il-ħruġ ta' dokument idgħajjifx interess ta' protezzjoni, huwa prinċipalment f'idejn l-istituzzjoni jekk tridx tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha fuq preżunzjonijiet ġenerali (għalkemm konfutabbli) li jistgħu jappli kaw għal ċertu kategoriji ta' dokumenti, peress li l-kunsiderazzjonijiet ta' tip ġeneralment simili aktarx japplikaw għar-rikjesti ta' divulgazzjoni relatati ma' dokumenti tal-istess natura. Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 4(2), it-tielet inċiż, li abbażi tiegħu l-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw l-aċċess għal dokument fejn id-divulgazzjoni tista' ddgħajjef il-protezzjoni tal-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet

28 Każ 2781/2008/FOR
29 Każ 2781/2008/FOR
30 Każ 2335/2008/CK

espliċitament il-possibilità li jiġu invokati preżunzjonijiet ġenerali li japplikaw għal ċertu kategoriji ta' dokumenti f'ċertu ċirkustanzi speċifiċi, jiġifieri, fil-proċeduri għall-eżami tal-għajnuna mill-Istat, il-proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet, il-proċedimenti pendenti quddiem il-Qrati tal-Unjoni Ewropea u l-fażi prekontenzjuża tal-passi dwar nuqqasijiet skont l-Artikolu 258 tat-TFUE[31].

Il-Qorti għadha ma kellhiex l-opportunità tieħu pożizzjoni dwar jekk il-possibilità li jiġu invokati tali preżunzjonijiet ġenerali għandhiex tapplika wkoll għal investigazzjoni mmexxija mill-OLAF u għal proċedimenti nazzjonali sussegwenti bbażati fuq is-sejbiet tal-OLAF. Hemm xi Regolamenti[32] li jinkludu fihom dispożizzjonijiet li jistabbilixxu regoli stretti li jillimitaw l-aċċess għall-informazzjoni miksuba mill-OLAF u trażmessa lill-Istati Membri fil-qafas ta' investigazzjoni esterna. Dawn id-dispożizzjonijiet huma simili għar-regoli li jillimitaw l-aċċess għall-fajls fi proċeduri ta' għajnuna mill-Istat jew ta' kontroll ta' fużjonijiet. L-Ombudsman hija tal-fehma li dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu raġuni għall-preżunzjoni ġenerali li d-divulgazzjoni tad-dokumenti fil-fajl ta' investigazzjoni tal-OLAF li tkungħadha għaddejja, fil-prinċipju, iddgħajjef l-iskop ta' dik l-investigazzjoni. Il-preżunzjoni ġenerali stabbilita hawn fuq tapplika meta l-OLAF ikun qed jinvestiga kwistjoni u meta jkunu għaddejjin proċedimenti nazzjonali[33].

Kif ġie nnutat hawn fuq, il-preżunzjoni ġenerali hija konfutabbli. Għalhekk, hija r-responsabbiltà tal-ilmentatur li juri li dokument partikolari li għalih hu talab aċċess mhux kopert mill-preżunzjoni li hemm interess pubbliku akbar li jiġġustifika l-iżvelar tad-dokument. Huwa ovvjament diffiċli għall-persuna li qed tagħmel ir-rikjesta għall-aċċess biex tikkonfuta din il-preżunzjoni ġenerali fir-rigward ta' dokument partikolari jekk il-persuna ma tingħatax aċċess għal dak id-dokument. Madankollu, l-Ombudsman għandha l-kapaċità li tagħmel dan peress li għandha d-dritt tispezzjona d-dokumenti rilevanti[34].

## Il-Privatezza u d-dejta personali – l-interazzjoni bejn ir-Regolament 1049/2001 u r-Regolament 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali

L-importanza tat-trasparenza għandha tiġi meqjusa fil-kuntest ta' ċertu interessi oħrajn, bħad-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali.

Mod tajjeb kif jiġi żgurat dan il-bilanċ, pereżempju meta ċ-ċittadini jkunu jixtiequ jsiru jafu l-ismijiet tal-esperti jew il-valutaturi fuq il-bordijiet jew kumitati, huwa li l-amministrazzjoni tal-UE tikkonsulta l-gwida pprovduta

[31] Każ 2048/2011/OV
[32] Ir-Regolament 1073/99 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-OLAF u r-Regolament 515/97 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex tkun assigurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli.
[33] Każ 2048/2011/OV
[34] Każ 2048/2011/OV

mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) meta tkun tixtieq taġixxi b'mod trasparenti filwaqt li tiżgura l-protezzjoni tad-dritt tal-individwu għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Il-KEPD iħeġġeġ lill-amministrazzjoni tal-UE tadotta approċċ proattiv fir-rispett tal-ipproċessar tad-dejta personali, jiġifieri, tinforma lis-suġġetti tad-dejta minn qabel li isimhom jista', taħt ċertu kundizzjonijiet, jiġi ddivulgat[35].

Jekk jirrikjedi aċċess għal dokumenti li jkun fihom dejta personali, l-applikant għandu, f'konformità mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament 45/2001, jiddimostra, billi jipprovdi ġustifikazzjonijiet espliċiti u leġittimi, in-neċessità li tiġi ttrasferita d-dejta personali rikjesta. L-istituzzjoni tal-UE mbagħad tkun kapaċi tqis l-interessi differenti tal-partijiet ikkonċernati u tiddetermina jekk hemmx raġuni biex tassumi li l-interessi leġittimi tas-suġġett tad-dejta jistgħu jiġu preġudikati mit-trasferiment ta' dik id-dejta[36]. Il-persuna li tapplika għall-aċċess għandha tiġi informata[37] li hi għandha d-dritt tressaq raġunijiet għalfejn huwa ġustifikat li d-dejta tiġi ttrasferita lilha, u għandha tiġi offruta l-possibilità li tagħmel dan. Ir-Regolament 1049/2001 jistabbilixxi proċedura amministrattiva fuq żewġ livelli li tagħti din il-possibilità lill-applikanti, fejn l-applikant jista' jiddimostra n-neċessità fl-applikazzjoni konfermatorja tiegħu[38]. Anke meta l-applikant ma jkunx ipprovda l-informazzjoni li tikkostitwixxi dawn il-ġustifikazzjonijiet b'mod espliċitu, l-istituzzjoni jista' jkollha informazzjoni ċara biżżejjed li jippermettilha tikkunsidra li t-trasferiment tad-dejta huwa ġustifikat[39].

Mhuwiex biżżejjed li titħassar mid-dokumenti d-dejta personali bħall-ismijiet u d-dettalji tal-kuntatt, mingħajr ma jiġi ddikjarat jekk sarx attentat sabiex jiġi vverifikat jekk is-suġġetti tad-dejta humiex ippreparati jagħtu l-kunsens tagħhom għall-iżvelar[40].

L-istituzzjonijiet għandhom jevitaw li jkunu formalistiċi żżejjed fl-ittrattar tar-rikjesti għall-aċċess. Jekk applikant jissottometti rikjesta għall-aċċess pubbliku għal dokument skont ir-Regolament 1049/2001, fejn l-applikant diġà ngħata aċċess individwali privileġġat skont l-Artikolu 13 tar-Regolament 45/2001, l-istituzzjoni għandha, fil-prinċipju, tittratta dik ir-rikjesta xorta waħda. Dan ser jinvolvi t-twettiq ta' eżaminazzjoni ta' dak id-dokument skont ir-Regolament 1049/2001. Madankollu, f'każ bħal dan, l-istituzzjoni għandha tikkunsidra li tispjega lill-applikant li ma hemm ebda benefiċċju prattiku fit-twettiq tal-eżaminazzjoni skont ir-Regolament 1049/2001[41].

Meta tiżvela informazzjoni, skont ir-Regolament 45/2001, lill-applikant dwar id-dejta personali relatata miegħu, l-istituzzjoni tista' tħassar informazzjoni oħra li tinsab fid-dokumenti kkonċernati. L-aċċess għad-dejta personali mhuwiex l-istess bħall-aċċess għad-dokumenti nfushom[42].

[35] Każ 2111/2011/RA
[36] Każijiet 1403/2012/CK u 2510/2011/CK
[37] Każ 277/2012/RA
[38] Każ 1403/2012/CK
[39] Każ 2510/2011/CK
[40] Każ 277/2012/RA
[41] Każ 1108/2012/RT
[42] Każ 1013/2012/MHZ

## Id-dritt tal-aċċess għall-fajl li jikkonċernak

L-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (id-dritt għal amministrazzjoni tajba) jgħid li kull persuna għandha d-dritt li jkollha aċċess għall-fajl li jikkonċernaha, filwaqt li jiġu rrispettati l-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità u tas-segretezza professjonali u tan-negozju. Xi eċċezzjonijiet li japplikaw f'rabta mad-dritt tal-aċċess *pubbliku* għad-dokumenti jistgħu japplikaw ukoll għad-dritt tal-aċċess *individwali*. Madankollu, persuna ma tistax tiġi miċħuda aċċess individwali għall-fajl agħha stess minħabba r-raġuni li l-għoti ta' dan l-aċċess jista' jkun ta' ħsara għall-privatezza u d-dejta personali, jew l-interessi kummerċjali, *tal-persuna li qed tagħmel ir-rikjesta għall-aċċess*[43].

[43] Każ 1560/2010/FOR

## Kwistjonijiet istituzzjonali u ta' politika

L-Ombudsman huwa tal-fehma li, la l-merti tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u lanqas il-ħidma politika tal-Parlament Ewropew ma jaqgħu fi ħdan il-kunċett ta' amministrazzjoni ħażina.

## Il-Kummissjoni u l-proposti leġiżlattivi

Fil-valutazzjoni tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni fil-formulazzjoni tal-proposti leġiżlattivi, mhuwiex ir-rwol tal-Ombudsman li tissostitwixxi l-ġudizzju tagħha ma' dak tal-Kummissjoni. Minflok, ir-rwol tagħha huwa li tiċċekkja li ġew segwiti l-proċeduri korretti u li ma kien hemm ebda żball manifest fl-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tagħti rendikont komplut u li jinftiehem faċilment tal-passi meħuda u l-entitajiet involuti qabel ma tiġi sottomessa il-proposta leġiżlattiva għall-iskrutinju tal-Parlament u tal-Kunsill[44].

### Kif tisma' liċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili

Id-demokrazija parteċipatorja, ibbażata fuq il-prinċipji ta' ugwaljanza u trasparenza, ittejjeb il-fiduċja taċ-ċittadini fl-UE u l-amministrazzjoni tagħha. Fiduċja miżjuda fl-UE u l-amministrazzjoni tagħha hija element ewlieni fiż-żieda tal-effettività tal-UE u l-amministrazzjoni tagħha[45].

Fir-rigward tal-iżvilupp tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni, l-Ombudsman tiffoka fuq l-aspetti ta' proċedura. L-Artikolu 11 tat-TUE jipprovdi l-limiti ta' spazju ta' deliberazzjoni li fihom l-istituzzjonijiet tal-UE jinteraġixxu maċ-ċittadini, l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u s-soċjetà ċivili. L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jiddeterminaw "il-mezzi xierqa" li permezz tagħhom iċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi jingħataw l-opportunità biex iwasslu u jiskambjaw fil-pubbliku l-opinjonijiet tagħhom. Il-mod preċiż li bih id-demokrazija parteċipatorja ssir effettiva fi kwalunkwe ċirkustanza partikolari jiddependi fuq in-natura speċifika tal-azzjoni tal-Unjoni inkwistjoni. F'dan ir-rigward, l-istituzzjonijiet tal-UE neċessarjament għandhom marġni ta' diskrezzjoni, speċjalment f'oqsma li huma teknikament kumplessi. Madankollu, għandhom jiżguraw dejjem li jkunu jistgħu jiġġustifikaw b'mod oġġettiv kif jeżerċitaw dak il-marġni ta' diskrezzjoni, li m'għandux ikun diskriminatorju, jew ikun hemm il-perċezzjoni li huwa diskriminatorju. Barra minn hekk, il-konsultazzjonijiet li jitwettqu għandhom ikunu wesgħin[46].

Sabiex iċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi jeżerċitaw id-dritt tal-parteċipazzjoni demokratika fl-oqsma kollha tal-azzjoni tal-Unjoni, għandhom jingħataw opportunità ġenwina biex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom u jiżguraw li dawn l-opinjonijiet jiġu kkunsidrati mill-istituzzjonijiet tal-UE. Biex dan jinkiseb, l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jiżguraw li jkun hemm ugwaljanza tal-opportunità f'dan ir-rigward, fi stadju bikri biżżejjed, għall-partijiet kollha involuti, inkluż il-pubbliku ġenerali, l-NGOs u l-akkademiċi[47].

[44] Każ 875/2011/JF
[45] Każ 2558/2009/DK
[46] Każijiet 1151/2008/ANA u 2097/2011/RA
[47] Każ 1151/2008/ANA

L-obbligu tal-involviment fid-djalogu pubbliku mas-soċjetà ċivili mhuwiex biss kwistjoni ta' għoti ta' finanzjament għal ċertu azzjonijiet. Il-fatt li l-Kummissjoni tagħżel li ma tisponsorjax inizjattiva partikolari ma jistax, fih innifsu, iwassal għall-konklużjoni li kisret l-obbligi tagħha li tidħol fi djalogu ma' organizzazzjoni rilevanti[48].

L-UE għandha żżomm djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-knejjes, l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet reliġjużi, l-organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali (Artikolu 17 tat-TFUE). Il-prinċipju tas-separazzjoni bejn il-knisja u l-istat, li tradott fil-kuntest tal-UE jfisser is-separazzjoni bejn il-knejjes u l-istituzzjonijiet tal-UE, jimplika, madankollu, li l-knejjes u l-organizzazzjonijiet reliġjużi m'għandux ikollhom pożizzjoni ta' privileġġ mhux xierqa f'rabta mad-djalogu tagħhom mal-istituzzjonijiet tal-UE. Il-fatt li l-Kummissjoni tagħżel li ma tinvolvix ruħha fi djalogu partikolari skont l-Artikolu 17 tat-TFUE mhux neċessarjament jimplika li l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili ma tistax tiġi żgurata b'mezzi oħrajn, notevolment, skont l-Artikolu 11 tat-TUE. Il-Kummissjoni tgawdi marġni wiesa' ta' diskrezzjoni fit-termini tad-definizzjoni tal-prijoritajiet tagħha u d-determinazzjoni tas-suġġetti li tagħżel li tiddiskuti bħala parti mid-djalogu tal-Artikolu 17 tat-TFUE. Madankollu, il-Kummissjoni għandha dejjem tiżgura li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha b'mod li mhuwiex diskriminatorju. Din hija xi ħaġa li, fil-kors normali tagħha, tista' tiġi determinata biss wara li tiġi eżaminata l-prattika tal-Kummissjoni fuq perjodu twil biżżejjed[49].

L-Artikolu 17 tat-TFUE mhuwiex dwar diskussjoni fuq ir-reliġjon jew il-filosofija. Madankollu, mhuwiex problematiku fil-prinċipju, li l-opinjonijiet li ser jitressqu mill-komunitajiet reliġjużi (u umanistiċi) matul id-djalogu mal-istituzzjonijiet ser jirrifilettu l-opinjonijiet tagħhom bħala komunitajiet reliġjużi (u umanistiċi). Fir-rigward tat-terminu "regolari" fl-Artikolu 17 tat-TFUE, ma hemm xejn fl-Artikolu 17 tat-TFUE li jimplika li jrid jintlaħaq bilanċ preċiż bejn il-gruppi differenti. Huwa biss jekk serje ta' laqgħat kellhom jindikaw li l-approċċ tal-Kummissjoni huwa manifestament sproporzjonat li jista' jkun hemm raġuni għat-tħassib. Fir-rigward tat-terminu "trasparenti", il-Kummissjoni għandha obbligu f'ċertu oqsma, notevolment fejn teżerċita setgħat investigattivi u regolatorji, biex tieħu noti ta' biżżejjed dettall. Fir-rigward tat-terminu "miftuħ", sakemm il-Kummissjoni ma turix li djalogu partikolari jmur kontra l-valuri bażiċi tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija libera li tinvolvi ruħha f'diskussjoni miftuħa u onesta[50].

Il-Kummissjoni tista' tospita avvenimenti u tiffinanzja attivitajiet sabiex trawwem dibattitu dwar il-kwistjonijiet ta' madwar dawk l-avvenimenti jew attivitajiet. Dan mhux neċessarjament jimplika li l-Kummissjoni tappoġġja l-messaġġ jew kontenut speċifiku. Bil-kontra ta' dan, il-Kummissjoni jista' sempliċiment u leġittimament ikollha x-xewqa tistimola dibattitu. Il-libertà tal-espressjoni hija fost il-valuri fundamentali ta' soċjetà demokratika[51].

[48] Każ 2097/2011/RA
[49] Każ 2097/2011/RA
[50] Każ 2097/2011/RA
[51] Każ 1640/2011/MMN

Biex nagħtu eżempju, eżibizzjoni fotografika relatata ma' koppji tal-istess sess, li nżammet f'bini tal-Kummissjoni, ħolqot ċertu skuntentezza. Huwa veru li l-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jaġixxu biss fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilhom espliċitament jew impliċitament fit-Trattat u li l-UE m'għandha ebda kompetenza fir-rigward tar-rikonoxximent ta' żwiġijiet u sħubijiet irreġistrati. Madankollu, id-diskriminazzjoni minħabba raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali hija pprojbita fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Huwa ċar li l-UE għandha s-setgħa, kif ukoll l-obbligu, li tiġġieled id-diskriminazzjoni minħabba raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tagħha. Għalhekk, bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-Kummissjoni għandha s-setgħa ssegwi dan l-objettiv b'mezzi diretti kif ukoll indiretti, pereżempju permezz tal-finanzjament, billi tospita jew tieħu taħt il-patroċinju tagħha eżibizzjoni li għandha l-għan li tippromwovi in-nondiskriminazzjoni minħabba raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali. B'mod partikolari, din l-azzjoni tista' taqa' fi ħdan il-kompetenza tal-UE meta l-effetti tad-diskriminazzjoni allegata jaffettwaw il-libertajiet iggarantiti mit-TFUE, bħad-dritt għall-moviment liberu fl-UE[52].

Madankollu, jekk eżibizzjoni partikolari tikkonċerna kwistjoni li taqa' fi ħdan il-kompetenza tal-UE, u b'hekk il-Kummissjoni tkun tista' tospita jew tikkofinanzja tali avveniment, jista' jkun xieraq li l-Kummissjoni tagħmel dikjarazzjoni ta' ċaħda, sabiex tiċċara li l-istqarrijiet jirriflettu opinjonijiet li mhumiex neċessarjament identiċi mal-opinjonijiet tagħha[53].

## Kif tistabbilixxi, u tisma' lil, gruppi tal-esperti

Il-mandat tal-Ombudsman huwa limitat għall-investigazzjoni tal-għażla/kompożizzjoni, l-operazzjoni u t-trasparenza tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni[54]. L-Ombudsman ma tistax tivvaluta r-riżultat tal-ħidma tal-gruppi tal-esperti[55].

Mhuwiex ir-rwol tal-Ombudsman li teżamina mill-ġdid il-valutazzjonijiet tekniċi jew xjentifiċi, li xi wħud minnhom jikkostitwixxu element importanti fil-ħidma preleġiżlattiva tal-Kummissjoni. Il-ħidma, pereżempju, tal-kumitati tekniċi jew xjentifiċi għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji (i) tal-eċċellenza teknika, (ii) l-indipendenza u l-imparzjalità, u (iii) t-trasparenza. Ir-rwol tal-Ombudsman huwa li tiżgura li l-proċeduri amministrattivi tajbin ġew segwiti u li d-drittijiet iggarantiti mill-ordni legali tal-UE fil-proċeduri amministrattivi ġew rispettati, speċjalment id-dmir li jiġu eżaminati b'attenzjoni u imparzjalità l-aspetti rilevanti kollha tal-kwistjoni u li tingħata deċiżjoni motivata b'mod adegwat fuq il-bażi tal-qafas legali rilevanti. L-Ombudsman tista' teżamina, pereżempju, jekk il-korp tal-UE inkwistjoni kellux aċċess għall-elementi meħtieġa biex issir analiżi komprensiva tal-kwistjoni partikolari, li l-aspetti mhux ċari jiġu ċċarati u li l-korp tal-UE jkun ipprovda spjegazzjoni konsistenti tal-applikazzjoni tiegħu tar-regoli rilevanti. Opinjoniet differenti fir-rigward

[52] Każ 1640/2011/MMN
[53] Każ 1640/2011/MMN
[54] Grupp "tal-esperti" m'għandux neċessarjament ikun grupp "rappreżentattiv".
[55] Każ 1682/2010/BEH

tal-kwistjonijiet tekniċi, fihom infushom, ma jwasslux biex il-valutazzjoni tal-korp tal-UE tkun żbaljata[56].

Pereżempju, għażla fil-qasam tal-politika tar-riċerka – tkun kemm tkun teknika fin-natura jew dejqa fl-ambitu tagħha – ma tistax tiġi dissoċjata minn kunsiderazzjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi oħrajn. Il-kunsiderazzjonijiet rilevanti kollha għandhom jiġu kkunsidrati u mhux biżżejjed li l-Kummissjoni ssostni li ma hemm ebda "preġudizzju teknoloġiku". Il-Kummissjoni mhijiex skużata mill-obbligu li tiżgura l-oġġettività minħabba l-fatt li mhijiex marbuta ssegwi r-rakkomandazzjonijiet magħmula minn kumitat jew grupp partikolari stabbilit taħt l-awspiċi tagħha[57].

Meta l-Kummissjoni taħtar esperti biex iwettqu valutazzjonijiet tekniċi jew xjentifiċi, il-metodoloġija applikata għandha tikkonforma mar-regoli legali applikabbli u l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, u m'għandu jkun hemm ebda żball manifest ta' valutazzjoni. Għandu jiġi mfakkar li l-Kummissjoni tgawdi minn marġni wiesa' ta' diskrezzjoni fid-determinazzjoni ta' kif tagħżel l-esperti esterni. Il-mod korrett kif jiġi identifikat l-ikbar numru possibbli ta' esperti li jkollhom il-kompetenzi rekwiżiti huwa normalment billi tiġi ppubblikata l-ħtieġa tal-esperti tal-Kummissjoni u li tinħareġ sejħa li tistieden lill-esperti biex jesprimu l-interess tagħhom. Il-valutazzjoni komparattiva tal-esperti għandha tkun dokumentata b'mod xieraq sabiex jiġi dimostrat li ġew magħżula l-iktar kandidati adatti. Dik il-valutazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku, filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa għall-ħtieġa ta' konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta[58].

## Proċeduri amministrattivi tajbin – mod kif tiżgura li ċ-ċittadini jifhmu x'inhu għaddej u għalfejn

Huwa prinċipju ġenerali tal-liġi tal-UE li applikant li qed jitlob l-annullament ta' deċiżjoni amministrattiva għal raġuni ta' irregolarità proċedurali għandu juri tal-inqas il-possibbiltà li r-riżultat tal-proċedura amministrattiva seta' kien differenti li ma kienx għall-irregolarità proċedurali li dwarha sar l-ilment. Madankollu, kwalunkwe irregolarità proċedurali tista' tikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina, anke jekk l-irregolarità proċedurali ma tkunx, f'każ partikolari, tikkostitwixxi r-raġunijiet għall-annullament minn qorti ta' deċiżjoni speċifika[59].

Huwa importanti li jiġi kkunsidrat li hemm dritt fundamentali li persuna tingħata r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tal-amministrazzjoni tal-UE u dritt fundamentali għal smigħ qabel ma l-amministrazzjoni tieħu deċiżjoni li tolqot lill-persuna negattivament[60].

[56] Każijiet 51/2011/AN u 2558/2009/DK
[57] Każ 1151/2008/ANA
[58] Każ 2558/2009/DK
[59] Każ 1560/2010/FOR
[60] L-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u żviluppat ulterjorment fl-Artikoli 16 u 18 *tal-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba*.

Fir-rigward tad-dritt għas-smigħ, ċittadin għandu jkun jista' jressaq l-opinjoni tiegħu fir-rigward tal-materjal li fuqu hija bbażata d-deċiżjoni. Biex jingħata eżempju, fir-rigward tan-notifika tat-terminazzjoni ta' kuntratt tal-impjieg ma' missjoni militari tal-UE[61], l-Ombudsman sab li dan ma kienx aċċettabbli sakemm l-impjegat kien marid, u partikolarment sakemm kien fuq liv tal-mard minħabba mard psikoloġiku[62].

Meta l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, l-OLAF, jirrikjedi informazzjoni minn jew jintervista parti li qed tiġi investigata, għandu jinforma lil din il-parti bl-ambitu tal-investigazzjoni. Din l-informazzjoni tista' tkun limitata għan-natura tal-allegazzjonijiet li saru. Meta tkun se tittieħed deċiżjoni li tolqot persuna negattivament, id-dritt formali għas-smigħ jirrikjedi wkoll li l-persuna kkonċernata tingħata l-opportunità li tikkummenta dwar il-provi. Fir-rigward tad-dritt formali għas-smigħ, il-Qorti tal-Ġustizzja stabilixxiet madankollu li d-deċiżjoni li l-OLAF jibgħat l-informazzjoni lill-awtoritajiet investigattivi nazzjonali ma tikkostitwixxix att li jolqot persuna negattivament peress li l-awtoritajiet nazzjonali jibqgħu liberi li jivvalutaw il-kontenut ta' dik l-informazzjoni. L-OLAF għalhekk m'għandu ebda obbligu legali li jagħti lill-parti li qed tiġi investigata d-dritt formali għas-smigħ f'każ bħal dan (minflok, hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali li jiggarantixxu li jiġi rispettat id-dritt għas-smigħ). Il-kunċett ta' amministrazzjoni tajba huwa, madankollu, iktar wiesa' mill-kunċett ta' legalità. Billi jressaq is-sejbiet tiegħu għall-iskrutinju u biex jiġu kkontestati, l-OLAF jista' jtejjeb iċ-ċertezza u l-validitajiet tagħhom. L-OLAF ser jikkonforma mal-prinċipju tal-amministrazzjoni tajba billi jipprovdi lill-parti li qed tiġi investigata b'biżżejjed informazzjoni relatata mal-allegazzjonijiet li saru kontra dik il-parti u l-provi ta' sostenn[63].

Fir-rigward tal-proċeduri tal-OLAF, jekk bosta persuni qed jiġu investigati f'rabta mal-istess kwistjoni, jista' jkun li l-fatti ta' kull investigazzjoni mhumiex identiċi, u li l-fajls tal-każ individwali jkun fihom elementi differenti u distinti li għandhom jiġu aċċessati separatament. Il-fatt li t-tul tal-investigazzjonijiet individwali mwettqa mill-OLAF ivarja ma jiddimostrax, għalhekk, li kien hemm diskriminazzjoni. Ir-raġonevolezza tat-tul ta' investigazzjoni għandha tiġi vvalutata fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi għall-każ. Madankollu, il-prinċipji tal-amministrazzjoni tajba jirrikjedu li l-awtoritajiet investigattivi jiżguraw li kull pass proċedurali jittieħed fi żmien raġonevoli wara l-pass preċedenti[64].

Is-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-Kummissjoni (EWS) hija sistema kompjuterizzata li tidentifika t-theddidiet għall-interessi finanzjarji u r-reputazzjoni tal-UE. L-Ombudsman ittratta lment dwar l-hekk imsejħa twissija W3b. It-twissija tiġi rreġistrata meta, skont id-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-EWS, "il-partijiet terzi, speċjalment partijiet terzi li qed jibbenefikaw jew li bbenefikaw mill-fondi tal-Komunità, ... ikun magħruf li huma soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji għal żbalji amministrattivi serji jew frodi. Meta l-investigazzjonijiet tal-OLAF iwasslu għal proċedimenti ġudizzjarji jew l-OLAF

[61] L-impjegati ta' dawn il-missjonijiet mhumiex soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal.
[62] Każ 1519/2011/AN
[63] Każ 1560/2010/FOR
[64] Każ 2515/2011/CK

joffri assistenza jew jagħti segwitu għall-proċedimenti, l-OLAF … jirrikjedi l-attivazzjoni tat-twissija W3b korrispondenti." It-twissija rilevanti ġiet irreġistrata mill-OLAF. Id-Deċiżjoni tal-EWS ma tiddefinixxix it-terminu "proċedimenti ġudizzjarji", li fil-fatt għandu tifsira differenti skont is-sistemi ġudizzjarji differenti tal-Istati Membri. L-interpretazzjoni ta' dak it-terminu għalhekk għandha tieħu kont tal-iskop u l-kuntest tal-EWS u, speċifikament, l-iskop u l-kuntest tat-twissija W3b fi ħdan id-Deċiżjoni tal-EWS. Hemm differenza ċara bejn il-bidu ta' proċess, f'sistema ġudizzjarja inkwiżitorja jew avversarjali, u l-bidu tal-fażi tal-investigazzjoni ġudizzjarja f'sistema inkwiżitorja. Il-bidu tal-fażi ta' investigazzjoni f'sistema inkwiżitorja mhux neċessarjament jimplika li ċertu fatti diġà ġew stabbiliti f'rabta ma' persuna: kulma jfisser hu li hemm raġunijiet suffiċjenti biex tinfetaħ investigazzjoni ġudizzjarja. Il-bidu ta' proċess, min-naħa l-oħra, jindika li l-allegazzjoni li saret kontra l-persuna, flimkien ma' provi *prima facie*, hija serja u konvinċenti biżżejjed biex tiġġustifika proċess. Meta twissija W3b tinħareġ mingħajr ma l-każ ikun intbagħat għall-proċess, hemm ir-riskju li każijiet simili ma jiġux ittrattati bl-istess mod. Dan minħabba li t-terminu "proċedimenti ġudizzjarji" għandu tifsiriet differenti li jiddependu fuq l-Istat inkwistjoni. Dan jissuġġerixxi li t-twissija W3b għandha tinħareġ biss meta każ ikun assenjat għal proċess[65].

## Attitudni ta' servizz u korteżija – id-dritt li tittieħed b'serjetà

Kulħadd għandu l-ħtieġa li jħossu rikonoxxut u li jinstema'. Dan huwa partikolarment il-każ taċ-ċittadini fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-UE, li spiss ikun hemm il-perċezzjoni li hija distanti, mhux biss ġeografikament. L-amministrazzjoni tal-UE għandha tagħmel sforz sabiex iċ-ċittadini jħossu li t-tħassib, il-mistoqsijiet u r-rikjesti tagħhom jittieħdu bis-serjetà.

Huwa komuni li ċittadin ma jaqbilx, pereżempju, mal-politika tal-UE f'ċertu qasam. Madankollu, is-sempliċi fatt li l-opinjonijiet espressi minn istituzzjoni tal-UE jkunu differenti minn dawk ta' ilmentatur ma jistax jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina. In-nuqqas ta' korteżija aktarx jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina iżda kwalunkwe dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' korteżija għandha tiġi sostnuta mill-provi[66].

Eżempju ta' każ fejn it-tħassib espress minn ċittadin ittieħed bis-serjetà minn amministrazzjoni tal-UE huwa ta' ċittadin li talab kumpens minn linja tal-ajru u mbagħad ilmenta mal-Korp Nazzjonali tal-Infurzar (NEB) rilevanti wara dewmien f'titjira. L-NEB informatu li ma kellha ebda kompetenza biex tittratta mat-talbiet individwali għall-kumpens u l-Kummissjoni kkonfermat il-pożizzjoni tal-NEB. Wara l-inkjesta tal-Ombudsman, il-Kummissjoni madankollu wiegħdet li tbiddel l-informazzjoni mhux ċara *fil-formola tal-ilmenti tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru* u l-Ombudsman sab li l-

[65] Każ 637/2009/FOR
[66] Każ 2441/2010/OV

Kummissjoni ħadet l-azzjoni xierqa biex tevita kwalunkwe konfużjoni ulterjuri fir-rigward ta' dak li NEB tista' tagħmel b'reazzjoni għal ilment[67].

Mod ieħor kif l-istituzzjonijiet ikollhom attitudni ta' servizz u jkunu ta' għajnuna hu billi jiġi evitat li tinfetaħ proċedura formali mhux meħtieġa jekk ikun hemm mod inqas formali ta' kif tiġi ttrattata kwistjoni b'mod li jissodisfa liċ-ċittadin, bħal meta l-aċċess għad-dokumenti jintalab skont settijiet ta' regoli differenti u mogħti abbażi ta' wieħed minnhom. Spiss ma hemm ebda benefiċċju prattiku li titkompla l-valutazzjoni tar-rikjesta għall-aċċess ibbażata fuq ir-regoli oħrajn[68].

Il-kwistjoni tal-lingwa, kif diġà msemmi hawn fuq, huwa wkoll kwistjoni ta' attitudni ta' servizz: Il-Kummissjoni għandha tiżgura li ċ-ċittadini Ewropej kollha jkunu jistgħu jifhmu l-konsultazzjonijiet pubbliċi tagħha, li għandhom, bħala kwistjoni ta' prinċipju, jiġu ppubblikati fil-lingwi uffiċjali kollha[69].

Barra minn hekk, l-amministrazzjoni tal-UE m'għandhiex tissottovaluta s-saħħa ta' apoloġija.

Il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jirrikjedu li l-amministrazzjoni tal-UE tirrikonoxxi l-iżbalji u tikkunsidra kif dawn l-iżbalji jistgħu jiġu rimedjati. L-ewwel pass huwa li titlob apoloġija. Li sempliċiment jiġi espress id-diżappunt mingħajr ma tittieħed responsabbiltà għall-iżball mhuwiex biżżejjed. It-triq korretta hija li tingħata apoloġija, li timplika l-ammissjoni tal-iżball[70].

In-nuqqas li jiġu rispettati l-prinċipji tal-amministrazzjoni tajba, bħan-nuqqas li tingħata tweġiba għall-korrispondenza jew in-nuqqas li tingħata fil-lingwa użata miċ-ċittadini li javviċinaw lill-amministrazzjoni tal-UE jista' jiġi rimedjat permezz ta' apoloġija u, fejn possibbli, spjegazzjoni[71].

## Dewmien fl-amministrazzjoni

Nuqqas iġiegħel liċ-ċittadin iħoss li mhuwiex jittieħed bis-serjetà, partikolarment jekk l-amministrazzjoni tal-UE ma tipprovdix spjegazzjoni. Id-dritt li kull persuna jkollha l-kwistjonijiet tagħha ttrattati fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet tal-UE huwa dritt fundamentali previst fl-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

L-Ombudsman sab amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kummissjoni fejn ma spjegatx b'mod xieraq id-deċiżjoni tagħha li żżomm ilment dwar nuqqasijiet miftuħ għal sena u nofs anke jekk sabet li ma kien hemm ebda nuqqas[72].

Tħassib rikorrenti fost l-ilmentaturi huwa l-allegat dewmien fit-trattament tar-rikjesti għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti skont ir-Regolament 1049/2001.

[67] Każ 606/2012/OV
[68] Każ 1108/2012/RT
[69] Każ 875/2011/JF
[70] Każ 312/2012/CK
[71] Każ 1708/2011/JF
[72] Każ 1786/2011/MHZ

Fejn l-istituzzjoni tonqos milli twieġeb għar-rikjesta għall-aċċess fi żmien l-iskadenza stipulata, din għandha tiġi meqjusa bħala tweġiba negattiva, li tintitola lill-applikant li jmur il-Qorti jew għand l-Ombudsman Ewropew. Jekk istituzzjoni tkun taf li se tittardja t-tweġiba tagħha, għandha tinforma lill-applikant bid-dewmien u kemm ser ikun twil dak id-dewmien, kif ukoll dwar ir-rimedji disponibbli. Dan jippermetti lill-applikant jagħmel deċiżjoni informata dwar jekk għandux jistenna t-tweġiba jew jilmentax mill-ewwel mal-Ombudsman[73].

## Kunflitti ta' interess – Nista' nafda li l-amministrazzjoni tal-UE taġixxi għat-tajjeb tal-UE u għat-tajjeb tiegħi bħala ċittadin?

Sabiex l-UE tiffunzjona b'mod xieraq, u biex iċ-ċittadini jafdawha, l-amministrazzjoni tal-UE għandha taġixxi biss għat-tajjeb tal-UE. Kwalunkwe uffiċjal li jwettaq id-dmirijiet tiegħu għall-interessi tiegħu stess ikun fi ksur tar-Regolamenti tal-Persunal u m'għandu jkollu ebda post fl-amministrazzjoni tal-UE. L-amministrazzjoni tal-UE għandha tiżgura li ma jitqajmux dawn is-sitwazzjonijiet.

Huwa importanti li l-proċedura għall-valutazzjoni tal-kunflitti ta' interess possibbli ma tiġix imnaqqsa għal sempliċi formalità[74].

Kunflitt ta' interess reali jeżisti meta, kif iddefinit mill-OECD, ikun hemm "kunflitt bejn id-dmirijiet pubbliċi u l-interess privati ta' uffiċjal pubbliku, fejn l-uffiċjal pubbliku għandu interessi fil-kapaċità privata tiegħu li *jistgħu* jinfluwenzaw b'mod mhux xieraq il-qadi tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet uffiċjali tiegħu" (enfasi miżjuda). Jekk uffiċjal pubbliku jimmodifikax l-imġiba tiegħu jew le b'riżultat tal-kunflitt ta' interess huwa irrilevanti fir-rigward tad-determinazzjoni ta' jekk jeżistix kunflitt ta' interess, bejn l-interessi privati u pubbliċi tal-uffiċjal pubbliku, li *jistgħu* jinfluwenzaw b'mod mhux xieraq il-qadi tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet uffiċjali. Huwa l-prospett, jew anke l-probabilità, li l-imġiba tal-uffiċjal pubbliku tista' tiġi influwenzata mill-interessi privati, li hija ċentrali għad-determinazzjoni ta' jekk jeżistix kunflitt ta' interess. Filwaqt li kwalunkwe eżempju konkret ta' kunflitt ta' interess li attwalment jaltera l-imġiba ta' uffiċjal pubbliku jkun tassew serju, il-fatt li ebda eżempju bħal dan ma ġie dimostrat huwa irrilevanti fir-rigward ta' jekk hemmx sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess jew le. Il-kunċett ta' kunflitt ta' interess għandu l-għan li jiżgura li ebda sitwazzjoni ma titqajjem fejn persuna *tista'* tiġi influwenzata mill-interessi privati fit-twettiq tal-funzjoni pubblika. Il-kunċett ta' kunflitt ta' interess għandu l-għan li jindirizza s-sempliċi *possibilità* li din l-influwenza sseħħ[75].

Il-leġittimità tal-UE f'għajnejn iċ-ċittadini tiddependi mhux biss fuq li jiġu evitati l-kunflitti ta' interess reali, iżda wkoll dawk apparenti[76].

[73] Każ 1817/2010/RA
[74] Każ 1533/2010/MMN
[75] Każ 297/2013/FOR
[76] Każ 51/2011/AN

Huwa essenzjali li l-amministrazzjoni tal-UE żżomm rekord tal-analiżi tal-kunflitti ta' interess allegati u li tkun f'pożizzjoni tiddefendi l-opinjonijiet tagħha fil-konfront taċ-ċittadini tal-UE meta jkun mitlub. Is-sempliċi dikjarazzjoni li ma hemm ebda kunflitt ta' interess, mingħajr ebda indikazzjoni tar-raġunijiet, mhijiex biżżejjed. Spjegazzjonijiet li mhumiex suffiċjenti jistgħu jiġu interpretati miċ-ċittadini bħala tentattiv li jinħeba dak li seħħ fil-verità[77].

Hija prattika amministrattiva tajba li l-amministrazzjoni tal-UE tinforma b'mod ċar lill-persunal li jitlaq mis-servizz tagħha dwar l-obbligi imposti mir-Regolamenti tal-Persunal, bħal kwistjonijiet ta' kunflitti ta' interess[78].

Id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-dejta personali ma jikkostitwixxix ostakolu sistematiku għall-iskrutinju pubbliku ta' jekk il-persuni fiżiċi involuti f'attivitajiet ta' lobbying (li jitwettqu l-iktar spiss fil-konfront tal-Kummissjoni) ikollhomx kunflitti ta' interess. Huwa fl-interessi tat-trasparenza, u b'mod partikolari l-interessi tal-promozzjoni tad-demokrazija parteċipatorja, li l-Kummissjoni sistematikament tinforma lir-rappreżentanti tal-interessi minn qabel dwar il-laqgħat mal-membri tal-persunal tal-Kummissjoni, u fil-kuntest tal-komunikazzjonijiet bil-miktub bejn il-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-interessi, li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni tiddivulga l-ismijiet tar-rappreżentanti tal-interessi, jekk dan ikun mitlub fil-kuntest tal-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti skont ir-Regolament 1049/2001[79].

Fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa mill-eks-Kummissarji, il-fatt li eks-Kummissarju jesprimi appoġġ politiku għal kwistjoni partikolari mhuwiex biżżejjed, fih innifsu, biex jistabbilixxi kunflitt ta' interess fir-rigward ta' dik il-kwistjoni, sakemm il-kwistjoni tkun għan leġittimu tal-interess komuni tal-UE[80].

Wieħed mill-iskopijiet tar-regola li tirrikjedi li l-membri tal-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jaġixxu indipendentament[81] huwa li tiġi żgurata l-leġittimità tal-BĊE f'għajnejn iċ-ċittadini tal-UE. Minbarra l-obbligu tagħhom li jaġixxu b'mod indipendenti, il-membri tal-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-BĊE għandhom jevitaw ukoll il-kunflitt ta' interess. Il-leġittimità tal-UE f'għajnejn iċ-ċittadini tiddependi mhux biss fuq li jiġu evitati l-kunflitti ta' interess reali, iżda wkoll dawk apparenti. Huwa leġittimu li l-membri tal-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-BĊE jinvolvu ruħhom f'dibattitu pubbliku u privat xieraq dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għall-ħidma tal-BĊE. Meta l-President tal-BĊE jipparteċipa f'laqgħa, l-iskop tal-laqgħa, l-identitajiet tal-parteċipanti l-oħrajn u s-suġġetti diskussi għandhom normalment jiġu meqjusa bħala informazzjoni pubblika, sakemm ma jkunx hemm raġuni leġittima għall-kunfidenzjalità, bħall-bżonn li jiġi protett l-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-UE jew ta' Stat Membru. Pereżempju, ikun konformi mal-prinċipju tat-trasparenza li l-BĊE tippubblika, fuq il-websajt tagħha, il-fatt li l-President huwa membru tal-Grupp tat-Tletin, minkejja li l-Grupp tat-Tletin mhuwiex lobby jew grupp ta' interess li jikkondividi "interess komuni" li jista' jikkomprometti l-indipendenza tal-BĊE,

77 Każ 51/2011/AN
78 Każ OI/12/2011/JF
79 Każ 277/2012/RA
80 Każ 1533/2010/MMN
81 L-Artikolu 130 tat-TFUE u l-Istatut tal-BĊE

iżda huwa pjuttost forum ta' diskussjoni. "Grupp ta' interess" huwa grupp ta' persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi li jikkondividu interess komuni fir-rigward ta' kwistjoni sostantiva u għandhom l-għan li jippromwovu dak l-interess komuni permezz ta' mezzi varji. "Lobby" tista' tiġi mifhuma li hija grupp ta' interess li għandu l-għan li jippromwovi l-interess komuni tiegħu billi jinfluwenza direttament lill-partijiet terzi, inklużi l-uffiċjali pubbliċi[82].

## L-iżvelar ta' informazzjoni protetta

Il-membri tal-persunal tal-UE li, matul il-qadi tad-dmirijiet tagħhom, isiru jafu dwar attività illegali preżunta, inkluża l-frodi jew il-korruzzjoni, li hija detrimentali għall-interessi tal-UE, għandhom jinformaw lill-ġerarkija tagħhom[83]. L-importanza li tiġi protetta l-implimentazzjoni korretta ta' din id-dispożizzjoni dwar "l-iżvelar ta' informazzjoni protetta" fir-Regolamenti tal-Persunal (l-Artikolu 22a) ma tistax tiġi enfasizzata biżżejjed, partikolarment fid-dawl tar-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa[84] li kkonkluda li l-informaturi huma skoraġġuti minħabba li jħossu li t-twissijiet tagħhom ma ngħatawx segwitu xieraq.

L-informazzjoni għandha tiġi meqjusa b'mod ċar bħala divulgazzjoni skont l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal jekk: (i) jiġi speċifikat li l-informazzjoni ngħatat skont l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal; (ii) il-kontenut tal-informazzjoni jikkorrespondi ma' dik l-intenzjoni; (iii) l-informazzjoni hija oġġettivament ta' natura serja; u (iv) l-informazzjoni ġiet irċevuta matul il-qadi tad-dmirijiet, huma x'inhuma. Iż-żmien li fih tingħata din l-informazzjoni f'rabta ma' proċeduri oħrajn (bħall-awditjar) huwa irrilevanti[85].

Hemm sitwazzjonijiet ta' żvelar ta' informazzjoni protetta minbarra dawk koperti mir-Regolamenti tal-Persunal. F'dawn il-każijiet, mhuwiex biżżejjed li l-amministrazzjoni tal-UE tinforma lill-informatur li l-fajl ġie magħluq, u li tagħti biss riżultati ġenerali. Wieħed għandu jikkunsidra l-pożizzjoni sensittiva tal-informatur meta jfittex li jikseb bilanċ bejn il-kunfidenzjalità possibbli tal-informazzjoni fil-pussess tiegħu u d-dmir li jirrapporta dwar xi ħaġa li l-informatur iqis li hija serja, bħal pereżempju, is-sikurezza. Il-prinċipji tal-amministrazzjoni tajba jirrikjedu li l-valutazzjoni sostantiva tal-informazzjoni ddivulgata titwettaq b'attenzjoni, imparzjalità u oġġettività, u li tkun xi tkun id-deċiżjoni, l-awtorità avviċinata mill-informatur għandha tagħti raġunijiet għall-konklużjonijiet tagħha. Dan jevita s-suspett komprensibbli min-naħa tal-informatur li l-każ tiegħu ma ġiex ittrattat b'mod xieraq, jew lanqas biss ġie ttrattat[86].

[82] Każ 1339/2012/FOR
[83] L-Artikolu 22(a) tar-Regolamenti tal-Persunal
[84] Disponibbli fuq http://assembly.coe.int/ASP/Doc/XrefViewHTML.asp?FileID=12302&Language=EN
[85] Każ 1697/2010/JN
[86] Każ 51/2011/AN

# Il-Kummissjoni bħala Gwardjan tat-Trattati – l-iżgurar li r-regoli tal-UE jiġu rispettati mill-Istati Membri

Il-Kummissjoni hija "l-Gwardjan tat-Trattati", li jfisser li tissorvelja jekk l-Istati Membri humiex qed japplikaw korrettament il-liġi tal-UE. Jekk tikkunsidra li l-Istat Membru mhux japplika aspett partikolari tal-liġi tal-UE b'mod korrett, tista' tressaq il-kwistjoni quddiem il-qrati tal-UE, li mbagħad jistgħu jiddeċiedu fuq il-kwistjoni. Iċ-ċittadini ma jistgħux jużaw il-Qrati tal-UE biex jikkontrollaw kif il-Kummissjoni teżerċita dan ir-rwol. Madankollu, jistgħu jilmentaw mal-Ombudsman. Hija l-fehma tal-Ombudsman li fit-twettiq tar-rwol tagħha bħala Gwardjan tat-Trattati, il-Kummissjoni teħtieġ li tkun miftuħa u tevita l-iżbalji.

Ir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni maċ-ċittadini li jilmentaw magħha dwar ksur tal-liġi tal-UE mill-Istati Membri huma governati primarjament minn Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi kif tittratta lill-persuni li jġibu għall-attenzjoni tagħha l-allegat ksur tal-liġi tal-UE[87]. Hija amministrazzjoni tajba li l-Kummissjoni ssegwi l-Komunikazzjoni meta tittratta lmenti dwar nuqqasijiet[88]. Pereżempju, il-Komunikazzjoni tiddikjara li, bħala regola ġenerali, il-Kummissjoni se tinvestiga l-ilmenti bl-għan li tasal għad-deċiżjoni li toħroġ notifika formali jew tagħlaq il-każ fi żmien mhux aktar minn sena mid-data tar-reġistrazzjoni tal-ilment. L-Ombudsman sab li l-Kummissjoni għandha tispjega b'mod aktar ċar u konvinċenti għalfejn, f'każ partikolari, kellha bżonn aktar ħin biex tittratta lment[89].

Fit-twettiq tar-rwol tagħha bħala Gwardjan tat-Trattati, il-Kummissjoni għandha marġni wiesa' ta' diskrezzjoni meta tiddeċiedi jekk għandhiex tibda passi dwar nuqqasijiet kontra l-Istati Membri minħabba ksur tal-liġi tal-UE. Madankollu, hija l-fehma tal-Ombudsman li, fit-trattament tal-ilmenti dwar ksur, il-Kummissjoni għandha l-obbligu tkun miftuħa u informattiva lejn l-ilmentatur, l-ewwel nett dwar jekk tikkunsidrax li hemm ksur tal-liġi tal-UE u għalfejn, u t-tieni dwar kif tagħżel li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha f'dak ir-rigward. Huwa biss fil-każ ta' għażliet arbitrarji f'dan ir-rigward li l-Ombudsman iqis li l-Kummissjoni tkun qed taġixxi lil hinn mill-marġni ta' diskrezzjoni tagħha.

Fit-trattament ta' lment dwar nuqqasijiet, l-ilmentatur huwa intitolat li jistenna mill-Kummissjoni grad ta' diliġenza suffiċjenti fid-deċiżjoni dwar x'azzjoni hija l-aktar xierqa sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm nuqqasijiet jew le[90].

L-Ombudsman tista' tikkunsidra li deċiżjoni li jingħalaq każ ta' nuqqasijiet tinvolvi amministrazzjoni ħażina jekk il-Kummissjoni tonqos milli tispjega d-deċiżjoni tagħha b'mod adegwat; tagħmel żball ta' proċedura jew żball ta'

[87] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-aġġornament tal-immaniġġjar tar-relazzjonijiet mal-kwerelant rigward l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, [COM(2012) 154 final].
[88] Każ 1738/2012/RT
[89] Każ 412/2012/MHZ
[90] Każ 1786/2011/MHZ

valutazzjoni manifest; tinterpreta ħażin, b'mod ċar, il-liġi[91]; jew tieħu kont ta' kwistjonijiet irrilevanti[92].

Fir-rigward tad-dmir li tispjega d-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha, espliċitament jew impliċitament, tindirizza l-kwistjonijiet li tressqu mill-ilmentatur. Jekk il-Kummissjoni ma tqisx li l-liġi tal-UE msemmija mill-ilmentatur hija applikabbli, jew jekk tqis li l-liġi tal-UE ma ġietx miksura, għandha tispjega għalfejn b'mod adegwat[93]. B'mod ġenerali, dawn l-ispjegazzjonijiet għandhom, sabiex jiġu meqjusa suffiċjenti, koerenti u raġonevoli: (i) jindirizzaw l-argumenti rilevanti tal-ilmentatur[94]; (ii) ikunu raġonevolment koerenti mal-prattiki ġenerali, il-komunikazzjonijiet u l-politiki tal-Kummissjoni f'dak il-qasam; u (iii) jkunu tali li ċ-ċittadini kkonċernati jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk hux xieraq li jilmentaw dwar kwistjonijiet simili fil-futur[95].

F'każ partikolari ta' ksur, l-Ombudsman sab li l-Kummissjoni ma tatx biżżejjed raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha u, għalhekk, ma aġixxietx b'mod trasparenti. Fil-każ partikolari, il-Kummissjoni kienet biddlet il-pożizzjoni tagħha minn waħda fejn bagħtet ittra ta' notifika formali lill-Istat Membru kkonċernat, għal waħda fejn sempliċiment għalqet il-każ. Il-Kummissjoni spjegat li din il-bidla fil-pożizzjoni kienet irriżultat minn "konsultazzjonijiet interni". L-Ombudsman kien tal-opinjoni li din ma kinitx spjegazzjoni adegwata tal-bażi tad-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni[96].

L-Ombudsman irrakkomanda ulterjorment lill-Kummissjoni li tadotta approċċ iktar varjat għall-aċċess miftuħ fil-qasam tal-passi dwar nuqqasijiet. Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li d-divulgazzjoni pubblika tad-dokumenti skambjati mal-Istati Membri matul il-passi dwar nuqqasijiet ser neċessarjament tagħmel ħsara lill-iskop ta' dawk il-passi, li huwa li tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-UE. Din il-pożizzjoni hija evidentament skorretta. Wieħed jista' jimmaġina passi dwar nuqqasijiet fejn id-divulgazzjoni pubblika tal-opinjonijiet differenti u l-argumenti skambjati, eżattament minħabba l-involviment robust tal-opinjoni pubblika u s-soċjetà ċivili, kemm nazzjonali kif ukoll Ewropea, tista' fil-verità tiffaċilita t-tmiem tan-nuqqasijiet. Wieħed jista' raġonevolment jissoponi li d-divulgazzjoni pubblika tad-dokumenti f'passi dwar nuqqasijiet fejn ikunu involuti kwistjonijiet ambjentali aktarx tkun waħda minn dawk is-sitwazzjonijiet. Għalkemm il-ġurisprudenza tal-Qorti f'dan il-qasam tindika direzzjoni partikolari, għandu jiġi mfakkar li l-qorti tirrevedi każijiet b'sett ta' proċeduri u regoli aktar strinġenti milli tagħmel l-Ombudsman. L-Ombudsman, għad-differenza tal-Qorti, jista' jkollha l-kapaċità tidentifika opportunitajiet sistemiċi li permezz tagħhom il-prattiċi tal-Kummissjoni jsiru aktar miftuħin[97].

91 Każijiet 846/2010/PB u 1786/2011/MHZ
92 Każ 1738/2012/RT
93 Każijiet 846/2010/PB u 1708/2011/JF u 1786/2011/MHZ
94 Każijiet 846/2010/PB u 1786/2011/MHZ
95 Każijiet 846/2010/PB u 1708/2011/JF
96 Każ 412/2012/MHZ
97 Każijiet 1947/2010/PB u 2207/2010/PB

## L-eżekuzzjoni ta' kuntratti u għotjiet

L-amministrazzjoni tal-UE tidħol f'kuntratti f'ħafna oqsma mhux biss għall-provvisti u s-servizzi, iżda wkoll fil-kuntest, pereżempju, ta' programmi ffinanzjati mill-UE. Normalment mhijiex ir-responsabbiltà tal-amministrazzjoni tal-UE li tinvolvi ruħha f'tilwimiet bejn il-kuntratturi u s-sottokuntratturi tagħha. Madankollu, l-amministrazzjoni tal-UE għandha, skont is-sitwazzjoni partikolari u fl-interess tar-reputazzjoni tal-UE, tkun miftuħa u konstruttiva meta tiffaċċja t-tħassib li jitressaq għall-attenzjoni tagħha[98].

Huwa raġonevoli għall-partijiet, bħall-amministrazzjoni tal-UE u s-sħab tagħha fil-kuntratti, li jiftiehmu dwar l-interpretazzjoni tal-kwistjonijiet mhux espressament previsti fi ftehim bil-miktub. Il-korrispondenza permezz ta' email mill-amministrazzjoni tal-UE dwar tali kwistjoni, bħala regola, m'għandhiex tiġi meqjusa bħala "informali". Fil-kultura tas-servizz, l-awturi tal-komunikazzjonijiet maħruġa mill-amministrazzjoni tal-UE għandhom jieħdu r-responsabbiltà għall-kontenut[99].

Fir-rigward tal-għażla tal-esperti għall-proġetti tal-UE, l-amministrazzjoni tal-UE għandha marġni wiesa' ta' diskrezzjoni u hija libera li tiddeċiedi li tippreferi taħdem ma' parti u mhux ma' oħra, sabiex, pereżempju, tiżgura l-kollaborazzjoni effettiva mas-servizzi tagħha. Madankollu, qabel ma tissostitwixxi espert, partikolarment minħabba allegata kondotta ħażina, l-amministrazzjoni tal-UE dejjem għandha tagħti lill-espert l-opportunità li jippreżenta l-opinjoni tiegħu dwar il-kwistjoni (id-dritt għas-smigħ huwa msemmi hawn fuq fil-parti dwar it-Trasparenza)[100].

[98] Każ OI/11/2010/AN
[99] Każ 940/2011/JF
[100] Każ 2441/2010/OV

## L-għoti ta' offerti u għotjiet

It-tenders u l-għotjiet jimplikaw ukoll relazzjonijiet kuntrattwali mal-amministrazzjoni tal-UE. L-użu tal-fondi tal-UE għal dawn l-iskopijiet jiġġustifika t-trasparenza tal-proċeduri u t-trattament ġust tal-applikanti. Il-proċeduri tal-għoti għandhom jiġu spjegati b'mod ċar u l-offerenti għandhom jingħataw l-informazzjoni kollha possibbli dwar il-valutazzjoni tal-offerti tagħhom[101]. Il-linji gwida għall-ftehimiet ta' għoti għandhom jipprovdu kriterji preċiżi u ċari għad-definizzjonijiet u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet[102].

L-eżami tal-proposti xjentifiċi jqajjem kwistjonijiet xjentifiċi kumplessi u l-eżami sostantiv tal-Ombudsman huwa ġeneralment limitat għall-valutazzjoni ta' jekk kienx hemm żball manifest fil-motivazzjoni ta' deċiżjoni kkontestata. Meta l-amministrazzjoni tal-UE jkollha mekkaniżmu intern għar-rieżami, huwa raġonevoli li dan ir-rieżami jiġi mitlub biss f'każ ta' prova ta' (i) żbalji ta' proċedura; (ii) żbalji fattwali; jew (iii) żball manifest ta' valutazzjoni[103].

Il-kompitu ewlieni tal-Kummissjoni f'rabta mal-proġetti ta' għajnuna li tiffinanzja huwa li tiżgura li l-fondi tal-UE kollha allokati għal proġett jintefqu fuq il-proġett f'konformità mal-pjan ta' nfiq miftiehem u li jintlaħqu l-għanijiet tal-proġett. Flimkien mal-bżonn li jiġi żgurat l-użu xieraq tal-fondi tal-UE u r-riżultat ta' suċċess tal-proġett, huwa fl-interess tal-amministrazzjoni tajba tal-Kummissjoni li tiżgura li r-riċevituri tal-fondi tal-UE jaġixxu b'mod ġust u korrett lejn is-sħab fil-proġetti li tiffinanzja. Minkejja l-kamp ta' applikazzjoni limitat għall-intervent f'relazzjoni kuntrattwali li mhijiex parti minnha, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tkun informata fir-rigward tal-problemi li jistgħu jitqajmu u li tassisti, fejn ikun possibbli, fir-riżoluzzjoni tat-tilwimiet li jikkonċernaw dawn il-problemi. Dan jista' jsir billi torganizza laqgħat, individwalment u bejn il-partijiet fit-tilwima, u toffri li taġixxi bħala medjatur[104].

[101] Każ 1653/2011/DK
[102] Każ 137/2013/RT
[103] Każ 2111/2011/RA
[104] Każ 2100/2011/OV

## Kwistjonijiet tal-persunal – fis-sens doppju

Il-persunal tal-amministrazzjoni tal-UE għandu jiġi ttrattat b'mod korrett mill-impjegatur tagħhom. Il-persunal li huwa rispettat, u li jħossu inkluż, għandu iktar possibilità li jħossu "sid" tal-kompiti tiegħu u għalhekk jagħmel xogħol aħjar għaċ-ċittadini tal-UE. L-Ombudsman Ewropew m'għandux ikun l-aġenzija primarja għat-trattament tal-kwistjonijiet tal-persunal, peress li normalment dawn jiġu solvuti aħjar qrib is-sors tal-problema. Madankollu, il-prinċipji tal-amministrazzjoni tajba għandhom japplikaw ukoll fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-UE u għalhekk l-Ombudsman tista' tkun ta' assistenza, partikolarment fl-identifikazzjoni u s-sejbien tas-soluzzjoni għall-problemi sistemiċi.

F'dan il-qasam, l-Ombudsman tiżgura li, fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha, l-amministrazzjoni tal-UE tapplika b'mod xieraq ir-regoli rilevanti, li normalment ikunu (jew ġejjin minn) ir-Regolamenti tal-Persunal[105]. L-impenn tal-amministrazzjoni tal-UE li ssolvi l-problemi[106] u li tieħu approċċ li mhuwiex formali mingħajr bżonn[107] huma aspetti importanti tal-amministrazzjoni tajba fil-qasam tal-kwistjonijiet tal-persunal. Pereżempju, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg għall-persunal lokali fid-Delegazzjonijiet tagħha, huwa raġonevoli li l-amministrazzjoni tal-UE tħares lejn prattiki komuni fir-relazzjonijiet tax-xogħol fil-pajjiż rilevanti meta tkun qed tipprova ssib soluzzjonijiet ġusti[108].

[105] Każ 1986/2011/JF
[106] Każ 1286/2011/TN
[107] Każ 2178/2011/KM
[108] Każ 706/2010/RT

## Kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla

Il-proċeduri ta' reklutaġġ tal-persunal fl-amministrazzjoni tal-UE għandhom ikunu trasparenti.

Għalkemm il-proċedimenti tal-bordijiet tal-għażla li jaġixxu fi proċeduri għar-reklutaġġ tal-persunal tal-UE għandhom ikunu sigrieti[109], din id-dispożizzjoni m'għandhiex tkun interpretata skorrettament bħala li tkopri kwalunkwe ħaġa relatata ma' bord tal-għażla (ara wkoll it-taqsima *Id-dritt tal-aċċess għad-dokumenti* iktar 'il fuq). Il-ħtieġa li l-opinjonijiet individwali tal-membri tal-bord tal-għażla jinżammu sigrieti, sabiex tiġi protetta l-oġġettività u l-imparzjalità tal-proċedimenti tal-għażla, ma jagħtix id-dritt li jinżammu sigrieti l-identitajiet tal-membri[110]. Idealment, l-ismijiet tal-membri tal-bord tal-għażla dejjem għandhom jiġu ppubblikati, u din id-divulgazzjoni m'għandhiex tkun limitata għal dawk il-kandidati li jagħmlu rikjesta espliċita[111].

Il-livell limitu biex titpoġġa fuq il-lista ta' riżerva tal-kandidati ta' suċċess eliġibbli għar-reklutaġġ għandu jiġi ddivulgat lill-kandidati fil-proċeduri ta' reklutaġġ, u l-istess għandu jkun għall-marki individwali miksuba fit-testijiet bil-miktub u orali[112].

Fl-2008, l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) għamel impenn mal-Ombudsman li jipprovdi informazzjoni aktar dettaljata lill-kandidati fil-proċeduri ta' reklutaġġ fir-rigward tal-prestazzjoni tagħhom fit-testijiet. Flimkien mal-marka globali, l-EPSO qablet li tipprovdi l-marki parzjali kif mogħtija għal kull kriterju ta' valutazzjoni stabbilit fl-avviż ta' kompetizzjoni. L-Ombudsman sab li l-kompetizzjonijiet bi stil ġdid, li jipprovdu lill-kandidati b'passaport ta' kompetenza, huma siewja biex tingħata informazzjoni strutturata u kompluta dwar il-prestazzjoni ta' kandidat. Madankollu, f'każijiet fejn il-passaport ta' kompetenza ma jipprovdix marki parzjali fir-rispett tal-għarfien tax-xogħol speċifiku tal-kandidat, jiġifieri, fejn ma jagħtix marki għal kull kriterju ta' valutazzjoni stabbilit fl-avviż ta' kompetizzjoni, l-EPSO jonqos milli jikkonforma mal-impenn ta' trasparenza preċedenti[113].

[109] Artikolu 6 tal-Anness III għar-Regolamenti tal-Persunal
[110] Każ 2111/2011/RA
[111] Każ OI/12/2011/JF
[112] Każ 2044/2012/LP
[113] Każijiet 2022/2011/RT u 2430/2011/RT

Jekk tixtieq verżjoni b'tipa kbira ta' din il-pubblikazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew. Nagħmlu li nistgħu biex nipprovdu verżjoni awdjo jekk ikollna talba għaliha.

Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli fuq l-Internet fl-indirizz:

**www.ombudsman.europa.eu**

© Unjoni Ewropea, 2014
Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija awtorizzata diment li s-sors ikun rikonoxxut.
Issettjata fi FrutigerNext u Palatino.